Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 32/82**

tas-7 ta' Jannar 1982

li jistabilixxi l-kondizzjonijiet għall-għoti ta' fondi speċjali ta' esportazzjoni għall-laħam taċ-ċanga u tal-vitella

(ĠU L 004, 8.1.1982, p. 11)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 752/82 tal-31 ta' Marzu 1982	L 86	50	1.4.1982
►**M2**	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2304/82 ta' l-20 ta' Awissu 1982	L 246	9	21.8.1982
►**M3**	Ir-Regolament Tal-Kummissjoni (KEE) Nru 631/85 tat-12 ta' Marzu 1985	L 72	24	13.3.1985
►**M4**	Ir-Regolament Tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2688/85 tal-25 ta' Settembru 1985	L 255	11	26.9.1985
►**M5**	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3169/87 tat-23 ta' Ottubru 1987	L 301	21	24.10.1987
►**M6**	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2326/97 tal-25 ta' Novembru 1997	L 323	1	26.11.1997
►**M7**	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 744/2000 ta' l-10 ta' April 2000	L 89	3	11.4.2000

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 32/82

tas-7 ta' Jannar 1982

li jistabilixxi l-kondizzjonijiet għall-għoti ta' fondi speċjali ta' esportazzjoni għall-laħam taċ-ċanga u tal-vitella

IL-KUMMISSJONI TAL- KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 805/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organiżazzjoni komuni tas-suq tal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella ([1]), kif emendat l-aħħar mill-Att ta' Adeżjoni tal-Ġreċja, u partikolarment l-Artikolu 18(6) tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 885/68 ([2]), kif emendat l-aħħar minn Regolament (KEE) Nru 427/77 ([3]), stabilixxa regoli ġenerali għall-għoti lura ta' fondi ta' esportazzjoni u kriterji għall-iffissar ta' l-ammont miġjub fih;

Billi, akkont tas-sitwazzjoni tas-suq fil-Komunità u l-iskop għall-bejgħ ta' ċerti prodotti tas-settur tal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella li jistgħu fil-preżent ikunu l-oġġett ta' xiri ta' intervent, huwa xieraq li jiġu stabbiliti l-kondizzjonijiet li taħthom jistgħu jiġu mogħtija lura fondi speċjali għall-esportazzjoni ta' prodotti bħal dawn meta jkunu intenzjonati għal ċerti pajjiżi li mhumiex membri bi ħsieb li jitnaqqas ix-xiri t'intervenzjoni;

Billi l-Kumitat ta' Tmexxija għal-Laħam taċ-Ċanga u Vitella ma tax opinjoni fiż-żmien iffissat mill-President tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Il-prodotti li jaqblu mal-kondizzjonijiet speċifiċi stabbiliti f'dan ir-Regolament għandhom ikunu eliġibbli għall-fondi speċjali ta' esportazzjoni.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-laħam frisk jew imkessaħ, fil-forma ta' karkassi, nofs karkassi, kwarti kkompensati, kwarti tas-saqajn ta' quddiem u tas-saqajn ta' wara, esportati lil ċerti pajjiżi li mhumiex membri.

▼M6

3. Meta l-karkassi jew ir-rbiegħ warranija li ma jkunux separati jiġu ppreżentati flimkien mal-fwied u/jew mal-kliewi, il-piż tal-karkassa għandu jitnaqqas bi:

— 5 kg għall-fwied u l-kliewi flimkien,

— 4,5 kg għall-fwied,

— 0,5 kg għall-kliewi.

▼B

Artikolu 2

1. L-eliġibilità għal fondi lura speċjali ta' esportazzjoni għandhom ikunu soġġetti għas-sottomissjoni ta' prova li l-prodotti esportati jiġu minn baqar maskili li jkunu kibru.

▼M6

2. Din il-prova għandha tiġi pprovduta permezz ta' ċertifikat, li l-eżemplari tiegħu qed jidher fl-Anness, maħruġ fuq talba tal-parti kkonċernata mill-aġenzija ta' l-intervent jew minn kull awtorità oħra nnominata għal dak il-għan mill-Istat Membru fejn ikunu nqatlu l-annimali. Id-dokument għandu jiġi ppreżentat lill-awtoritajiet tad-dwana meta jsiru

([1]) ĠU Nru L 148, tat-28.6.1968, p. 24.
([2]) ĠU Nru L 156, ta' l-4.7.1968, p. 2.
([3]) ĠU Nru L 61, tal-5.3.1977, p. 16.

▼M6

l-formalitajiet doganali għall-esportazzjoni u għandu jintbagħat permezz tal-mezzi amministrattivi lill-aġenziji responsabbli għall-ħlas tar-rifużjoni wara li jitlestew il-formalitajiet imsemmija. Dawk il-formalitajiet għandhom isiru fl-Istat Membru fejn l-annimali jkunu nqatlu.

Madanakollu, fejn il-prodotti jitqiegħdu taħt l-arranġamenti msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 565/80 ([1]) iċ-ċertifikat imsemmi fis-subparagrafu ta' qabel għandu jiġi ppreżentat lill-awtoritajiet tad-dwana fil-ħin meta jkunu qed isiru l-formalitajiet doganali msemmija fl-Artikolu 25(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3665/87 ([2]). Minkejja dak ir-Regolament, l-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 28(4)(b), (c) u (d) tar-Regolament (KEE) Nru 3665/87 m'għandhomx jiġu awtorizzati fejn jgħodd dan is-subparagrafu. ►M7 Madankollu, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw it-tgeżwir tal-prodotti bil-kondizzjoni li l-marka ta' l-identifikazzjoni jew is-siġill fuq kull prodott, imsemmija fl-Artikolu 3(2), jibqgħu jidhru. ◄

▼B

Artikolu 3

Il-Pajjiżi Membri għandhom jistabbilixxu l-kondizzjonijiet għall-iċċekkjar tal-prodotti u għall-ħruġ taċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 2. Dawn il-kondizzjonijiet jistgħu jinkludu l-indikazzjoni tal-kwantità minima.

Il-Pajjiżi Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li ma ssir l-ebda sostituzzjoni tal-prodotti bejn iż-żmien ta' meta ġew iċċekkjati u ż-żmien ta' meta jitilqu mit-territorju ġeografiku tal-Komunità jew meta jiġu mwassla fid-destinazzjoni imsemmija fl-►M6 Artikolu 34 tar- Regolament (KEE) Nru 3665/87 ◄ ([3]). Dawn il-miżuri għandhom jinkludu l-identifikazzjoni ta' kull prodott permezz ta' marka li ma titħassarx fuq kull kwart jew b'siġill individwali fuq kull kwart. Il-qatla u l-identifikazzjoni għandha ssir fil-biċċerija indikata mill-parti konċernata fl-applikazzjoni imsemmija fl-Artikolu 2(2).

▼M4

F'każi fejn karkassi jew nofs karkassi jinqatgħu fi rbiegħ ta' quddiem u fi rbiegħ ta' wara f'lokalità oħra minbarra l-biċċerija, l-awtorità msemmija f'Artikolu 2(2) tista' tibdel iċ-ċertifikat hawn fuq imsemmi, maħruġ fir-rigward tal-karkassi jew in-nofs karkassi, ma' ċertifikati rigward l-irbiegħ hawn fuq imsemmija, kemm-il darba l-ħtiġiet l-oħra kollha li jirrigwardaw il-ħruġ tagħhom jkunu tħarsu.

▼B

Artikolu 4

Il-Pajjiżi Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-20 ta' Jannar 1982 il-miżuri li għandhom jittieħdu biex jimplimentaw dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-kummenti tagħha, jekk ikun hemm, lill-Pajjiż Membru qabel l-20 ta' Frar 1982.

▼M6

▼B

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-1 ta' Marzu 1982.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u direttament applikabbli fil-Pajjiżi Membri kollha.

([1]) ĠU L 62, tas-7.3.1980, p. 5.
([2]) ĠU L 351, ta' l-14.12.1987, p. 1.
([3]) ĠU Nru L 317, tat-12.12.1979, p. 1.

▼**M6**

ANNESS

IL-KOMUNITÀ EWROPEA

1 L-esportatur jew l-applikant	**ĊERTIFIKAT** **taċ-ċanga minn annimali bovini adulti** **Nru: .....** **Ir-Regolament (KEE) 32/82**
2 Il-konsenjatarju (1)	3 L-awtorità li qed toħroġ iċ-ċertifikat

NOTI

A. . Il-laħam irid jiġi deskritt skond in-nomenklatura użata għar-rifużjonijiet ta' l-esportazzjon.

4 Il-mezzi tat-trasport (1)	B. Dan iċ-ċertifikat għandu jingħata lill-uffiċċju tad-dwana fejn isiru l-formalitajiet doganali għall-esportazzjoni jew id-depożitu f'maħżen tad-dwana jew f'żona ħielsa. C. L-uffiċċju doganali kkonċernat għandu jibgħat dan iċ-ċertifikat, wara li jiġi ffirmat, lill-aġenzija responsabbli għall-ħlas tar-rifużjoni ta' l-esportazzjoni.	
5 Il-marki, in-numri (1), u l-għadd tal-bċejjeċ, id-deskrizzjoni tal-laħam — Bl-iskart mhux separat (2) — Bla skart mhux separat (2)	6 Is-subintestatura tan-nomenklatura kkombinata	7 Il-piż nett (kg) (3)
8 L-għadd tal-bċejjeċ fi kliem		
9 Rimarki specjali		

10 DIKJARAZZJONI TA' L-AWTORITÀ LI QED TAWTORIZZA

Il-persuna li hawn taħt iffirmat tiddikjara li l-laħam hawn fuq deskritt ġej minn bhejjem bovini adulti. Il-mezzi wżati għall-identifikazzjoni:

11 IĊ-ĊERTIFIKAZZJONI TAD- DWANA Il-formalitajiet doganali għall-esportazzjoni jew id-depożitu f'maħżen tad-dwana jew f'żona ħielsa rigward il-laħam fuq deskritt ġew mitmuma. Id-dokument tad-dwana: It-tip: In-numru: Id-data: (Il-firma) (It-timbru)	Il-post: Id-data: (Il-firma) (It-timbru u s-siġill stampat)

(1) Mhux obbligatorju.
(2) Ħassar fejn mhux applikabbli.
(3) Qabel jitnaqqas il-piż fiss ta' l-iskart meta dan ikun imwaħħal mal-karkassa jew mar-robbu warrani mhux separat.